MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 594/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Godwin Scerri)**
**Vs**
**Robert Frendo**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 416260(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1. nhar it-Tnejn 10 ta’ Dicembru, 2012 ghall-habta tat-3.00 p.m. ikkommetta serq ta’ hwejjeg minn Bata Stores sitwat fi Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt, Valletta, u dan ghal ammont li ma jiskorrix il-mitejn tlieta w tletin Ewro (€233), ghad-detriment ta’ Michael Peresso Fashion Ltd., u dan bi ksur tal-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet;

2. u aktar talli b'hekk fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv ai termini ta' artikolu 49, 50 U 289 Tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Dicembru, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 284, 289, 49, 50, 31 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' sitt (6) xhur.

**3.** Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati, tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

**4.** Fliet l-atti kollha processwali.

**5.** Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**6**. Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti:-

**7.** Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena.

**8.** Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuqu kienet wahda eccessiva, ghalhekk fid-dawl ta' dak sottopost, l-appellant umilment jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta li mhux wahda karcerarja.
Illi s-suespost qieghed jigi rilevat partikolarment in vista tal-fatt li l-appellant ghandu bżonn kura għal vizzju tax-xorb, u dan kif ammess minnu stess waqt it-tehid ta' l-istqarrija, li ttiehdet prattikament ftit tal-hin wara li l-appellant inqabad mill-Pulizija.

**9**. F'dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esponent l-Ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tafx l-importanza mistħoqqa lill-aspett

rikormattiv, u għalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita tagħha, u sussidjarjament u mingħajr pregudizzju, fil-kwantita`, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza għas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April, 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Farrugia" fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita` a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 446. **L-umli esponenti jirrrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' hmistax-il (15) xahar imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti** l-aspett riformattiv ma giex accenat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

**10.** Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt hija dik li hi. Dan peress illi llum huwa persuna differenti, illi kellu jinghata cans iehor.

**11**. Fil-kawza "Il-Pulizija vs Carmen Butler', deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Frar, 2009, il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe` illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikoalri tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

**12.** F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' "Il-Pulizija vs Charlot Aquilina" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru 2008. Fis-sentenza precitata, l-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recediv, il-Qorti sahqet illi l-

imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta’ Probation.

‘Għall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta s-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta’ abbuz mid-droga..... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b’mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba` snin... li tul dawn l-ahhar erba` snin kienu qed isiru “urine smaple tests” lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv.....Il-qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidhrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega` qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe` ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b’suċċess il-programm residenzjali u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita` sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b’success il-programm residenzjali għandu xogħol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.’

**13.** Fis-sentenza, “Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia, eciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Otturbu 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamel referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk,

**14.** ssa, ghalkemm huwa veru li Qorti għandha dejjem toqgħod attenta li ma tiżvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b’applikazzjoni taghhom bl-addoċċ u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta’ dak li jkun, mill-banda l-ohra s-sempliċi fatt li persuna tkun preċedentement ingħatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista’, jew li m’ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga’ tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront tagħha xi miżura oħra taħt il-Kap. 446. F’dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza tagħha tat-18 ta’ Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:**

"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…. "Apparti li din il-qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irrevversibilita` assoluta – anqas ma tista` din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recediv, tista` titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz tagħha jkun jista` jinkiser iċ-ċiklu ta' kundanni u ta' priġunerija.'

Ikkonsidrat

**15.** Dan l-appell huwa limitat għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-11 ta' Diċembru 2012.

**16.** L-ewwelnett, l-appellant jirreferi għal piena ta' priġunerija ta' ħmistax-il xahar (ara fol 2 tal-appell u fol 19 tal-proċess il-ħames paragrafu tlitt ivrus mit-tmiem tiegħu). Iżda effettivament, is-sentenza ma ssemmix ħmistax-il xahar iżda **sitt xhur biss.** (ara fol 14 tal-proċess u l-ewwel faċċata tal-appell (fol 18).

**17**. L-appellant intab ħati taħt l-artikolu 284 tal-Kap 9 li huwa dwar serq sempliċi, jiġifieri serq li mhux akkumpanjat minn waħda mill-kwalifiki msemmijin fl-artikolu 261 tal-Kap 9.

**18**. Skont l-artikolu 285, il-ħati ta' serq sempliċi jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur.

**19**. Skont l-artikolu 289:

'Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.'

**20**. L-appellant instab ħati ta' serq ta' ħwejjeġ (cioe' ta' ġakketta) fejn l-ammont ma kienx jiskorri l-233 Ewro. Huwa ammetta wkoll li kien reċidiv.

**21**. Skont deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 t'Ottubru, 2005 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Xriha Julian'

'L-addebitu tar-recidiva huwa parti mill-akkuza u allura kull ammissjoni tinkludi r-recidiva.'

**22.** Il-Qorti fliet

(a) L-istqarrija tal-appellant li minnha jirriżulta problema ta' xorb.

(b) Il-fedina penali li minnha jirriżulta akkuża ta' serqa li seħħet fit-13 ta' Mejju 1985 u oħra li saret fit-22 ta' Marzu 1990. F'Settembru 2003 huwa kien ikkundannat sena priġunerija sospiża għal tliet snin u multa ta' Lm500 iżda dan ir-reat ma kellux x'jaqsam mas-serq u għalih ma tapplikax ir-reċidiva tal-artikolu 50 tal-Kap 9 għax għaddew ħames snin.

**23.** Dwar ir-reċidiva taħt l-artikolu 289, il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet li ma japplika ebda żmien għar-reċidiva taħt dan l-artikolu. (26 ta' Mejju 1998: Il-Pulizija vs Steven Zahra).

**24.** Fil-fehma ta' din il-Qorti ma kien hemm ebda eċċess ta' piena meta, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji legali, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellant għal piena ta' sitt xhur priġunerija.

**25**. Madanakollu, wara li fliet il-fedina penali tal-appellant u rat il-problema li għandu l-appellant kif jidher mill-istqarrija, il-Qorti jidhrilha li għandha ttaffi l-piena.

**Konklużjoni**

**26.** Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-11 ta' Diċembru 2012 billi waqt li tikkonfermaha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet ħtija, qegħda tirriformaha billi qed tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellant għal piena ta' sitt xhur priġunerija u minflok ma tikkundannah qed tpoġġih taħt il-protezzjoni ta' Probation Officer għal sena mil-lum. Il-Qorti wissiet lill-appellant dwar il-konsegwenzi serji li jista' jkun hemm skont l-artikolu 7 tal-Kap 446. **Fil-probation order hemm twissija ċara li jekk jikser il-kundizzjonijiet, din il-Probation Order tista' tinbidel f'perjodu ta' priġunerija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------